KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 399 (8-27)

It-Tnejn 26 t'Ottubru 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**399.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Kurstein Sant u l-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit.

**399.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduti 398. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

**399.2.1** 398.13.6 Il-Kunsillier Julian Borg qal li flimkien mas-Sindku kien iltaqa' mal-Kuntrattur fuq il-post u ġie spjegat ix-xogħol li hemm bżonn isir. Huwa qal li d-dettalji għaddew għand is-Segretarju Eżekuttiv għall-permessi meħtieġa biex jibda x-xogħol.

**399.2.2** 398.13.7 Il-Kunsillier Julian Borg qal li saret linja bajda kontinwa tul Triq Nikola Saura u talab kopja tad-deċiżjoni ta' TM biex jara jekk kienx hemm xi kundizzjonijiet.

**399.2.3** 398.2.5 Il-Kunsillier Julian Borg talab li kopja tar-risposta tad-DG tiġi annessa mal-Minuti.

**399.2.4** 398.2.6 Il-Kunsilliera Francine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li ħafna xogħol ta' kisi ta' trinek mhux qed isir ta' livell tajjeb. Hija proponiet li tinġibed l-attenzjoni dwar dan.

**399.2.5** 398.2.7 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li għadha ma' ħarġietx promozzjoni għal dawn il-korsijiet u staqsiet jekk hemmx indikazzjoni meta ser toħroġ. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li qed tistenna l-materjal mit-TCTC.

**399.2.6** 398.13.15 Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk l-ittra mitluba minn din il-korrispondenza kinetx intbagħtet. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-ittra ntbagħtet kif mitlub.

**399.2.7** 398.2.3 Is-Sindku qal li skond il-parir legali, u wara li l-avukat ra l-komunikat kollu relatat bagħat risposta li tgħid, "ġaladarba l-attivitajiet ma sarux, il-Kunsill mhux obbligat iħallas, anka peress li l-Kunsill kien infurma kmieni li dawn l-attivitajiet kienu ser jiġu imħassra fuq parir tal-awtoritajiet mediċi f'pajjiżna."

**399.2.8** 398.13.1 Il-Viċi Sindku irringrazjat talli kienet saret l-Istop Sign mitluba.

**399.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**399.3.1** Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ta' kortesija mal-Ispettur tal-Pulizija li ġie assenjat fuq id-Distrett minflok dak preċedenti. Is-Sindku semma diversi punti li ġew diskussi fosthom: li l-għassa tal-Pulizija tal-Pjazza u dik ta' Għar Lapsi ikunu magħluqa u r-residenti Siġġiwin ikollhom jinżlu Ħaż Żebbuġ jew Ħal Qormi f'kas ta' bżonn, bżonn ta' rondi speċjalment filgħaxijiet inkluż fil-bandli Nalizpelra u fil-Bajja ta' Għar Lapsi fost oħrajn, issemmew diversi parking hot-spots inkluż il-Pjazza, ħdejn l-iskola u ħdejn il-Mużewijiet. Is-Sindku qal li ssemmiet l-issue tal-containers fi Triq Salvu Borg Olivier u l-Ispettur wieġeb li diġa infurmat bid-diversi abbużi li jsiru fl-inħawi u li l-area qed tinżamm taħt l-attenzjoni tagħhom. L-Ispettur

qal li hemm il-ħsieb li l-kunċett ta’ Street Policing li diġa ġiet introdotta f’diversi lokalitajiet tiġi estiża għal-lokalitajiet oħra. L-Ispettur propona laqgħa mensili mal-Kunsill biex jinżamm kuntatt bejn l-Awtoritajiet tal-Pulizija u l-Kunsill Lokali. Is-Sindku propona li l-Ispettur jiġi mistieden jiltaqa’ mal-Kunsill qabel Seduta. Il-Kunsilliera laqgħu din it-talba b’mod pożittiv u qablu unanimament ma’ dan.

**399.3.2** Is-Sindku qal li rigward il-proġett tan-Night Shelter, kien hemm ftehim verbali mal-proprjetarju tal-art wara l-binja tal-Kunsill biex ikun hemm aċċess għal-ħruġ t’emerġenza. Is-Sindku qal li għandha ssir laqgħa mal-Awtorita’ tal-Artijiet fejn jiġi spjegat dan u sussegwentement isir ftehim bil-miktub. Ġaladarba din il-kwistjoni tiġi konkluża, ix-xogħol mistenni jibda fl-ewwel xhur tas-sena d-dieħla.

**399.3.3** Rigward il-Proġett ta’ San Niklaw, is-Sindku qal li x-xogħol mistenni jibda għall-aħħar ta’ din is-sena.

**399.3.4** Rigward il-bdil tat-trakka tal-open gym, is-Sindku qal li x-xogħol previst li jiġi lest sa nofs Novembru. Qed issir ukoll manutenzjoni tad-drinking fountains u l-bankijiet li hemm fil-post.

**399.3.5** Is-Sindku qal li Ambjent Malta kienu talbu biex jiġu identifikati siti fil-lokalita’ fejn jistgħu jitħawlu siġar. Is-Sindku qal li wara li dar diversi postijiet jiproponi li jitħawlu siġar f’Ta’ Brija, l-Ħesri u fi Triq Salvu Borg Olivier. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jekk jidentifikaw xi siti oħra jgħadduhom lis-Segretarju Eżekuttiv.

**399.3.6** Is-Sindku qal li l-applikanti prospettivi kienu ġew intervistati. Huwa talab li jiltaqa’ l-Bord biex jiġu diskussi l-marki tal-intervistati u wara li jsir short listing issir it-tieni intervista. Is-Sindku propona li l-laqgħa ssir fl-ewwel ġimgħa ta’ Novembru.

**399.3.7** Is-Sindku rrefera għall-publikazzjoni tan-newsletter imsemmija fis-Seduta preċedenti. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex ilestu l-artiklu tagħhom u jgħadduh lis-Segretarju Eżekuttiv ħalli tibda tinġabar l-informazzjoni għall-ippublikar.

**399.3.8** Is-Sindku ressaq proposta ta’ rijabilitazzjoni ta’ Pjazza San Nikola, liema proġett jiġi preżentat ‘il quddiem. Huwa qal li fil-bidu tas-sena d-dieħla jibda proċess ta’ konsultazzjoni, b’involviment mal-għaqdiet, residenti u l-kominuta’ kummerċjali. Is-Sindku talab l-input tal-Kunsilliera għal dan il-proġett, mifrux fuq l-erbgħa snin li ġejjin, proġett li ilu maħsub għal dawn l-aħħar snin iżda qatt ma ġie implimentat minħabba diversi raġunijiet.

**399.3.9** Rigward il-kors tal-ECDL li qed jorganizza l-Kunsill, is-Sindku qal li hemm interess mill-istaff tal-Kunsill biex jagħmlu dan il-kors u għalhekk jipproponi li l-ispejjeż għat-taħriġ tal-istaff jitħallsu mill-Kunsill. il-Kunsill unanimament approva din l-ispiża.

**399.3.10** Is-Sindku informa li l-proposta tal-Kunsill għall-iskema Inizjattivi Edukattivi 2020 mir-Reġjun Nofsinhar u Lifelong Learning ġiet approvata u ser jinxtara laptop għal dan il-għan. L-għajnuna hija ta’ €1000.

**399.3.11** Huwa infurma wkoll li l-proposta tal-Kunsill għall-iskema ta’ għajuna għal CCTV Cameras għall-installazjoni ta’ apparat fil-Park ta’ Għar Lapsi ġiet approvata mir-Reġjun Nofsinhar. L-għajuna hija ta’ €2000.

**399.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**399.4.1** Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għal post mis-Sindku għal Car Wash mill-Ministeru għall-Ekonomija u Investiment bl-involviment tal-Kunsill Lokali Siġġiewi b’risq l-Istrina. Huwa staqsa x’kien l-involviment tal-Kunsill u għaliex il-Kunsilliera ma kienux mistiedna jipparteċipaw. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ħa ħsieb il-permessi neċessarji u il-bowser tal-ilma.

Huwa qal li din l-attivita' kienet komunikata lilu b'short notice u bi żvista ma ġewx infurmati l-kunsilliera. L-ispiża involuta kienet minima.

**399.4.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li bħala Kunsilliera responsabbli mis-Sotto Kumitat tal-Persuni b'Diżabilta' kellha tkun preżenti għal preżentazzjoni taċ-ċekk lid-Dar tal-Providenza, iżda peress li ġiet notifikata dak inhar stess ma setgħetx tattendi minħabba mpenji oħra. Il-Viċi Sindku qalet li peress li kienu involuti wkoll il-membri tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ u minħabba l-impenji ta' skola ta' dawn iż-żgħażagħ ma kienx faċli tlaqqagħhom.

**399.4.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia talbet aġġornament tal-proġett Achievers. Hija qalet li peress li kienet il-contact person fil-fażi ta' applikazzjoni għadha qed tiġi kkuntattjata. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li meta kien hemm bdil ta' dekasteri, u anka peress li l-Kunsillier Kurstein Sant jinsab indispost, kien qal li dan il-proġett ser jikkoordinah is-Sindku stess. Is-Sindku wieġeb li ser jagħti dettalji x'ħin naslu għall-item fuq is-suġġett fl-Aġenda.

**399.4.4** Is-Sindku qal li jieħu spunt minn din is-sitwazzjoni biex iħeġġeġ lill-Kunsilliera kollha isibu ħin u jagħmlu l-almu tagħhom biex isir xogħol tal-Kunsill, wara kollox kull kunsillier qiegħed hemm biex jagħti kontribut u l-ħin tiegħu, minkejja li kulħadd ikollu impeji oħra kemm personali kif ukoll ta' xogħol.

**399.5 Tismija ta' Toroq**

Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq fejn qed jistennew il-proposti tal-Kunsill għall-ismijiet tat-toroq, fl-area ta' Ramija u fl-area ta' Triq dun Manwel Zammit. Is-Sindku qal li jinsab konxju minn diversi problemi li jiltaqgħu magħhom residenti ta' l-area ta' Ramija minħabba li hemm diversi frieġħi kollha bl-istess isem.

Is-Sindku preżenta l-pjanta ta' Triq Ramija maqsuma f'sezzjonijiet, kif mibgħuta mill-Kumitat Tismija ta' toroq. Hu talab lill-membri biex jipproponu ismijiet għal dawn il-ħames toroq biex jiġu mressqa fis-Seduta li jmiss.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li filwaqt li japprezza l-proposti minn familjari għal ismijiet ta' toroq għal qrabat mejta, din tista toħloq preċedent. Huwa ssuġġerixxa li jinsabu ismijiet b'tema relatata mat-toroq fil-viċinanzi.

**399.6 Tenders**

**399.6.1** Is-Sindku qal li t-tender LCS7/19 '*Cleaning and opening and Closing of Public Conveniences in the Locality of Siġġiewi using Environmentally Friendly Measures'*, kien ingħalaq u intefgħu tlett offerti. Huwa qal li ser jibda l-proċess ta' evalwazzjoni.

**399.6.2** It-tender għar-restawr tal-istatwa ta' San Nikola taħt Miżura 1 (LCS10/20/1) ġie ippublikat u jagħlaq fl-24 ta' Novembru 2020.

**399.6.3** It-tender għall-manutenzjoni tad-dawl li inħareġ mir-Reġjun Nofsinhar qiegħed fi proċess ta' appell.

**399.7 Attivitajiet Milied u Skema ta' Għajuna għal tiżjin tal-Milied fil-Lokalita' 2020**

**399.7.1** Is-Sindku qal li fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali tal-pandemija mhux ser issir l-attivita' Pjazza Milied. Minkejja dan, u biex tinħoloq atmosfera festiva fil-lokal, it-tiżjin fit-toroq ser isir bħal kull sena. Is-Sindku qal li ser issir is-siġra tal-Milied u tinxtegħel Pjazza San Nikola u Triq Mons. Mikiel Azzopardi. Bħas-snin preċedenti, l-Għaqda Armar Siġġiewi ser ikunu qed jarmaw Triq San Nikola u Triq il-Parroċċa. Is-Sindku qal li bħala innovazzjoni ser jitpoġġa dawl mas-siġar tal-Pjazza u ta' Triq Mons. Mikiel

Azzopardi. Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier Adrian Farrugia, ser jiltaqgħu ma' kull min hu involut biex isir il-koordinament meħtieġ.

**399.7.2** Is-Sindku infurma li r-Reġjun Nofsinhar nieda skema ta' għajnuna għal tiżjin tal-Milied fil-lokalita', b'għajnuna ta' €1000. Ser jingħataw ukoll €500 għal kompetizzjoni ta' tiżjin fost ir-residenti (żewġ kompetizzjonijiet). Huwa qal li hemm set ta' kriterji li jridu jiġu segwiti. Il-Kunsill unanimament qabel għall-parteċipazzjoni f'din l-iskema.

**399.8** **Proġett Komunitarju – Approvazzjoni tal-Memorandum of Understanding**

Is-Sindku qal li ġie kkuntattjat minn the Malta Foundation for the Wellbeing of Society li fil-jiem li ġejjin ser isir iffirmar tal-proġett komunitarju. Is-Sindku fakkar li dan il-proġett ser isir fiż-żona vojta ta' Binja Ramija. Is-Sindku talab lill-Kunsill japprova l-Memorandum of Understanding kif preżentat, liema dokument kien mibgħut lill-kunsilliera minn qabel. Il-Kunsill unanimament qabel mal-MOU kif ġie preżentat.

**399.9** **Proġett Achievers – Implimentazzjoni**

Is-Sindku qal li peress li l-Kunsillier responsabbli, Kurstein Sant jinsab indispost ser jissuġġerixxi żewġ kunsilliera biex ikunu assenjati fuq dan il-proġett u jibda l-implimentazzjoni tiegħu.

Huwa qal li fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa mal-għaqdiet sportivi biex flimkien magħhom tiġi organizzata attivita'. Huwa kompla jgħid li minħabba is-sitwazzjoni preżenti tal-pandemija mhux ħa tkun faċli biex tiġi organizzata attivita' li tolqot ammont ta' żgħażagħ u tfal. Iktar dettalji jingħataw 'il quddiem.

**399.10** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**399.10.1** PC/00099/18 -Site Known As Tal-Ghasfur, Triq Nicolo Baldacchino c/w Triq in-Nirien
Is-Sindku propona li din is-Sottomissjoni tiġi diskussa mis-Sotto Kumitat Infrastruttura fil-laqgħa li jmiss biex jitħejjew punti għas-sottomissjoni. Dawn il-punti għandhom jgħaddu għand il-perit tal-Kunsill, tiġi preparata draft u ċirkulata lill-Kunsilliera biex jitħejja d-draft finali biex jintbagħat lill-Awtorita' tal-ippjanar. Il-Kunsillier Julian Borg qal li s-sottomissjoni tagħlaq fit-18 ta' Novembru 2020.

**399.10.2** PA/03438/20 – Site at, Triq it-Tank, Triq Nikol Azzopardi
Il-Kunsillier Julian borg qal li b'dispjaċir jinnota li fil-pjanti il-ġodda sottomessi ma jagħtux każ l-ebda punt tas-sottomissjoni li kien għamel il-Kunsill, lanqas sempliċiment aġġunta ta' galariji fuq in-naħa ta' wara tal-binja. Huwa qal li l-pjan ħolistiku fost affarijiet oħra jridu jiġu trattati.
Huwa propona li ssir talba lill-perit tal-Kunsill biex jara eżatt x'ġie sottomess u jsir tqabbil mas-sottomissjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li mal-proġett għandha tiżdied il-ftuħ ta' triq biex ikun hemm ċirkolazzjoni tat-traffiku u jiġu identifikati toroq oħra li joħolqu 'bottle necks'.

**399.10.3** PA/00330/20 -Tal-Bandlieri, Ta'L-Għolja, Siggiewi
Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-Kunsill kien talab photomontages ta' din l-applikazzjoni. Huwa qal li diġa kien hemm rapport mill-case officer li dan il-permess m'għandux jiġi garantit. Huwa propona li l-Kunsill għandu jaqbel mas-sottomissjoni tal-case officer f'dan il-każ.

**399.10.4** Inġibdet l-attenzjoni fuq din l-applikazzjoni:

PA/04826/19 ' L-Arka ta' Noe, Triq Bur ix-Xewk, Triq tal-Għaqba, off, Triq il-Muża, Siġġiewi',
Il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill jara l-pjanti sottomessi u deskrizzjoni tal-iżvilupp propost.

**399.11** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**399.11.1** Is-Sindku rrefera għal Ċirkulari AKL2020/121 mill-AKL bis-suġġett President's Fun Walk 2020, fejn infurmaw li din is-sena l-attivita' ser issir f'kull lokalita' bil-parteċipazzjoni ta' massimu 100 ruħ, qed jintalab li l-bejgħ tat-t-shirts u r-reġistrazzjoni issir mill-Uffiċċju tal-Kunsill. Filwaqt li l-inizjattiva hija waħda ġusta u kienu f'ċirkustanzi oħra kienet tintlaqa' tajjeb, wara li ġiet diskussa r-rikjesta mas-Segretarju Eżekuttiv, fid-dawl tas-sitwazzjoni preżenti fejn qed jittieħdu diversi miżuri biex in-nies possibilment jinqdew online biex jiġi evitat pubbliku fiżikament l-uffiċċju, b'salvagwardja għas-saħħa tal-membri tal-istaff qed jiġi propost li din it-talba ma tiġix milqugħa. Il-Kunsill unanimament qabel li f'dawn iċ-ċirkustanzi mhux opportun li nġibu iktar nies lejn l-uffiċċju tal-Kunsill.

**399.11.2** Is-Sindku irrefera għal komunikat bis-suġġett "Proġett Mużikali għas-sena 2021 mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar", fejn kull Kunsill Lokali fir-Reġjun ġie mitlub jidentifika sitt spazji miftuħa fil-lokalita' li jistgħu jintlaħqu bil-mixi biex jiġu kkunsidati għal programm Mużikali maħsub għal Settembru 2022. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jgħaddu l-proposti tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv.

**399.11.3** Is-Sindku irrefera għall-korrispondenza mis-Siġġiewi Rowing Club u sussegwentement laqgħa ma' rappreżentanti tal-Club, fejn ressqu talba biex il-Kunsill jgħin lill-club jidentifika u jakkwista titolu fuq premises adekwati fis-Siġġiewi biex jintużaw bħala gym u ieħor qrib il-baħar biex ikunu jistgħu jiġu varati id-dgħajjes, u biex il-club ikun jista' juża ċ-Ċentru Ċiviku biex isiru sezzjonijiet ta' taħriġ. Is-Sindku propona li wara li kkonsulta mas-Segretarju Eżekuttiv rigward attivitajiet attwali li qed isiru fil-binja, għalissa il-club jista' juża is-sala t'isfel taċ-Ċentru Ċiviku nhar ta' Sibt bil-kundizzjoni li sat-Tnejn filgħodu, is-sala tiżżarma u terġa titpoġġa kif kienet peress li tintuża miċ-Ċentru Anzjanita' Attiva.

**399.12** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**399.13** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**399.14** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**399.14.1** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li qed ikun hemm grupp ta' adolexxenti l-bandli Nalizpelra li jilagħbu goff fiż-żoni taż-żgħar, jagħmlu xi ħsarat u anka jilagħbu perikoluż b'riskju li jweġġgħu. Hija qalet li rċeviet rapporti li qed jitilgħu fuq is-saqaf tal-lattrina b'sellum miġjub minnhom. Is-Sindku qal li dan l-argument ġie imsemmi fil-laqgħa mal-Ispettur tad-distrett fejn intalbet iktar superviżjoni.

**399.14.1** Il-Viċi Sindku Rodianne Haber infurmat li wara diversi laqgħat mal-anzjani urew ix-xewqa li jibdew isiru ħarġiet kulturali. Il-Viċi Sindku talbet lill-Kunsill jiffinanzja minivan biex isiru ħarġiet simili, waqt li jittieħdu l-provvedimenti meħtieġa skond ir-rekwiżiti preżenti tal-awtorita' tas-Saħħa, u li l-ħarġa tkun ristretta għal sitta minn nies biss kull darba. Minħabba f'hekk l-attendenza issir b'rutina biex kulħadd jingħata ċ-ċans jattendi.

**399.14.2** Il-Viċi Sindku infurmat li flimkien mal-Kunsill Lokali tat-Tfal ser issir attivita' ta' Fund Raising għal annimali abbandunati. L-attivita' ser tkun bejgħ ta' kejkijiet u ħelu ieħor u ser issir fuq iz-zuntier tal-Knisja is-Sibt 7 bejn il-5.30pm u s-7.30pm u l-Ħadd 8 ta' Novembru bejn is-7.30am u nofsinhar. Hija qalet li ser jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji skond l-Awtoritajiet tas-Saħħa, u stiednet lill-Kunsilliera biex jgħinu f'din l-attivita'. Il-Viċi Sindku qalet ukoll li qed issir kollaborazzjoni mal-iskola tal-lokal għal ġbir ta' ikel u anka fondi biex jintużaw għall-istess skop.

**399.14.3** Il-Viċi Sindku qalet li flimkien mal-Kunsill Lokali Tfal hemm il-ħsieb li tiġi organizzata sezzjoni ta' 'story telling' online għall-okkazjoni ta' halloween.

**399.14.4** Il-Kunsillier Adrian Farrugia talab li isir tindif fl-areas tal-ħamrija f'Binja Ramija.

**399.14.5** Il-Kunsillier Julian Borg ġibed l-attenzjoni fuq il-bankina fi Triq l-Għid ma' Triq Mons. Mikiel Azzopardi fejn hemm ħsara minħabba l-għeruq tas-siġar. Huwa qal li hemm bżonn issir it-tiswija mill-iktar fis peress li qegħda toħloq periklu.

**399.14.6** Il-Kunsillier Julian Borg semma d-diversi xogħlijiet fit-toroq li qed isiru bħalissa mill-kumpanija GO u qal li apparti l-inkonvenjent li qed jinħoloq, ħafna minnhom m'humhiex jingħalqu 'up to standard'. Huwa talab li tinġibed l-attenzjoni ta' min hu responsabbli.

**399.14.7** Il-Kunsillier Julian Borg qal li avviċinaħ individwu li jixtieq jagħti siġra tal-għargħar donazzjoni biex titħawwel preferibilment fi Ġnejnet l-Armonija.

**399.14.8** Il-Kunsillier Borg fakkar dwar tabella 'road narrows' f'tax-Xurraf u mera partikolari fi Triq tar-Remel.

**399.14.9** Il-Kunsillier Borg staqsa jekk ix-xogħolijiet fi Triq Patri Ġuże Delia kienux tlestew għax kellu l-impressjoni li t-triq kienet ser tinfetaħ. Is-Sindku qal li kien saqsa dwar dan iżda jidher li kien hemm xi problema fl-esproprijazzjoni tal-art u allura baqgħet ma nfetħitx.

**399.14.10** Il-Kunsillier Julian Borg qal li kien irċieva kopja ta' korrispondenza bħala kunsillier responsabbli mill-widien mad-Dipartiment tal-Widien rigward tindif u staqsa x'kienet is-sitwazzjoni. Is-Sindku qal li sussegwentement għal laqgħa li kellu hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv mad-Dipartiment tal-Widien irriżulta li kien hemm xi problemi loġistiċi biex jitwettaq ix-xogħol mid-Dipartiment konċernat.

**399.14.11** Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet li hemm xi sinjali direzzjonali tat-traffiku li għandhom bżonn jinbidlu. Is-Sindku qal li l-contracts manager kienet preparat rapport ta' sinjali kollha tar-raħal maqsum f'żoni u ħafna minnhom qegħdin ordnati u ser jeħlu dalwaqt.

**399.14.12** Il-Kunsilliera Francine Farrugia talbet li jkun haw żieda ta' bins tal-klieb speċjalment fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi qabel tinżel għal ta' Karlozzu fejn hemm iċ-ċint tal-kantun.

**399.14.13** Il-Kunsilliera Francine Farrugia talbet qtugħ ta' ħaxix fi Triq Anġelo Dorini quddiem il-barriera mingħajr ilqugħ biex jiġi evitat periklu.

**399.14.14** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk Triq tal- Lewża hix ser tingħata wiċċ ġdid kif ukoll Trejqa tal-Providenza.

**399.14.15** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet rigward avviż fuq il-facebook dwar l-għeluq ta' Triq Ħal Farruġ għal diversi xhur. Is-Sindku wieġeb li skond informazzjoni minn Infrastructure Malta it-triq ser tingħalaq mit-28 t'ottubru għal diversi xhur minħabba li jrid jgħaddi l-proġett pajpijiet tad-distribuzzjoni tas-servizzi ġodda taħt l-art u sistema ġdida għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita. It-triq ser tkun immarkata b'sinjali għal rotta alternattiva.

**399.14.16** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet updates tal-proġett fi Triq Annabelle Vassallo. Is-Sindku qal li l-punti li tqajmu mir-residenti waqt il-laqgħa ta' konsultazzjoni mal-pubbliku ser jiġu mressqa lill-Infrastructure Malta biex jittieħdu in kunsiderazzjoni.

**399.15** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 23 ta' Novembru 2020

| | |
|---|---|
| Dominic Grech<br>Sindku | Ritienne Giorgino<br>Segretarju Eżekuttiv |